MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Numru 1061/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDONE ZAMMIT**
**VS**
**JOSEPH BRINCAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Brincat ta' 22 sena bin mhux maghruf u Anna Maria nee` Brincat imwieled Pieta fi 8 ta' Dicembru 1986 residenti 10, Triq Il-Kapillan Frangisku Azzopardi, Isla, detentur tal-karta ta' identita bin numru 21087M.

Illi huwa akkuzat :

1. Talli fit-8 t'Ottubru 2009 ghal habta ta' 2.30pm u hinijiet wara gewwa Triq Ninu Cremona, Rahal Gdid ikommetta serq ta' flus liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza u mezz, u li sar ghad detriment ta' Alfred Magri ta' 69 sena minn Rahal Gdid.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi ta’ l-Awtorita Kompetenti, u barra mill-kaszijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Alfred Magri ta’ 69 sena minn Rahal Gdid liema delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra jew bieklx persuna ohra tkun imgieghla taghmel xi trasferiment ta’ hwejjigha.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bil-fomm lill istess Alfred Magri b’delitt fejn flimkien ma dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr u zammm strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-kummisarju tal-pulizija.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat qabad arma [sikkina] kontra Alfred Magri minn Rahal Gdid.

6. Talli f’dawn il-Gzejjer fit-8 t’Ottubru 2009 u zminijiet qabel naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima fid-digriet taghha ta’ nhar il-11 ta’ Settembru 2008 li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija.

7. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Alfred Magri minn Rahal Gdid u tapplika l-provedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u wara li rat Artikoli 261, 263, 264, 275, 276A, 86, 87, 249, 339(d), 28 A sa G Kap 9, Art. 3 Kap 480, tikkundanna lill-imputat ghal 18-il xahar prigunerija sospizi ghal 3 snin. In oltre tqieghdu taht Supervision Suspended Order ghall-perjodu ta’ 3 snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Di piu’, ai termini ta’ Art. 7 (5) Kap. 446, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatment Order ghall-reabilitazzjoni tieghu mid-dependenza fuq drogi, fl-istituzzjoni tas-Sedqa ghall-perjodu ta’ sentejn.

Din il-piena giet akkordata in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu, il-hakma totali tieghu mill-vizzji tad-drogi, u l-progress reali li l-imputat ga ghamel fil-programm ta’ reabilitazzjoni kontra d-droga tas-Sedqa fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------